



Kumitat għas-Sajd

2018/0088(COD)

11.10.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002 [dwar il-liġi ġenerali dwar l-ikel], id-Direttiva 2001/18/KE [dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' OĠM], ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 [dwar ikel u għalf GM], ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 [dwar l-addittivi fl-għalf], ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 [dwar it-taħwir bl-affumikazzjoni], ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 [dwar il-materjali li jiġu fkuntatt mal-ikel], ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 [dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel], ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 [dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti] u r-Regolament (UE) Nru 2015/2283 [dwar ikel ġdid] (COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

Rapporteur: Ricardo Serrão Santos

PA_Legam

PE625.411v02-00

2/9

AD\1165080MT.docx

MT

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur:

- iqis li huwa kruċjali għaċ-ċittadini tal-UE li s-sikurezza tal-ikel fis-suq tkun iggarantita u li l-standards għoljin tas-sikurezza jibqgħu;
- jenfasizza l-importanza tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), partikolarmen bħala fornitur ta' pariri xjentifiċi lill-Kummissjoni, lill-Parlament u lill-Istati Membri;
- iqis b'mod pożittiv il-proposta tal-Kummissjoni li r-Regolament dwar il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel (GFL) jiġi aġġornat, b'mod partikolari fir-rigward tal-kjarifikazzjoni tar-regoli dwar it-trasparenza għall-valutazzjoni tar-riskju u t-tishħiħ tal-garanziji tal-affidabbiltà, l-oġġettività u l-indipendenza tal-istudji li l-EFSA tuża fil-valutazzjoni tar-riskju tagħha;
- jemmen li jridu jinħolqu kundizzjonijiet li bihom iċ-ċittadini tal-UE jkollhom fiduċja šiħha fl-aġenċiji tal-Unjoni u fl-awtoritajiet bħall-EFSA, u li din il-fiduċja tista' biss tinkiseb u tinżamm bl-applikazzjoni ta' metodoloġiji u regoli trasparenti u ċari;
- jenfasizza li l-kapaċitā tal-EFSA trid tiżdied jekk din għandha tikseb livell għoli ta' għarfien xjentifiku fl-oqsma kollha ta' ħidma tagħha;
- jemmen li f'għadd ta' kuntesti, inkluż il-kuntest ta' hawn fuq, jeħtieġ li d-deċiżjonijiet ikunu bbażati fuq l-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli u jqis li huwa importanti li tiżdied il-kapaċitā tal-EFSA billi jiġu ingaġġati xjenzjati magħrufin għall-bordijiet xjentifiċi tagħhom;
- jenfasizza li valutazzjoni tar-riskju tista' titwettaq malajr biss jekk tkun fis-seħħ strateġija ta' komunikazzjoni komprensiva u effettiva, li tinvovi l-partijiet kollha matul il-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju u li żżomm djalogu miftuħ;
- jinsab imħasseb dwar il-fatt li, fil-proposta tal-Kummissjoni, is-sajd, b'mod partikolari l-akkwakultura, ma jitqiesx, u jindika li l-prodotti tas-sajd huma wieħed mis-sorsi l-iktar importanti u l-aktar tajbin għas-saħħa fir-rigward tal-proteina tal-annimali, u li l-UE hija l-ikbar suq għal dawn il-prodotti u l-akbar konsumatur tagħhom fid-dinja, u attwalment timporta 68 % minnhom minn pajjiżi terzi;
- jenfasizza l-importanza tal-prodotti tas-sajd bħala sors tal-ikel; dan kien is-suġġett ta' opinjoni xjentifika, "Ikel mill-Oċeani" ("Food from the Oceans"), ippreżżentata mill-Grupp ta' Livell Għoli tal-Mekkaniżmu għall-Parir Xjentifiku lill-Kummissjoni f'Novembru 2017.

EMENDI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 8a (ġidida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Jenħtieġ li ma jinxtered l-ebda OĠM fl-ambjent jew jitqiegħed fis-suq deliberatament, bħala prodotti jew fil-prodotti, bi ksur tal-prinċipju ta' prekawzjoni, u meta ma jeżisti l-ebda għarfiex xjentifiku dwar l-implikazzjonijiet għal kull wieħed mill-oqsma kkonċernati (l-ambjent, is-saħħha, il-bijodiversità, eċċ.).

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(11) L-esperjenza turi li r-rwol tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtoritāt hu ffokat fuq l-aspetti amministrattivi u finanzjarji u ma jħallix impatt fuq l-indipendenza tal-ħidma xjentifika mwettqa mill-Awtoritāt. B'hekk, xieraq li jiġu inklużi rappreżentanti tal-Istati Membri kollha fil-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtoritāt, filwaqt li jiġi previst li dawk ir-rappreżentanti jenħtieġ li jkollhom esperjenza b'mod partikolari fl-istima tar-riskju.

(11) L-esperjenza turi li r-rwol tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtoritāt hu ffokat fuq l-aspetti amministrattivi u finanzjarji u ma jħallix impatt fuq l-indipendenza tal-ħidma xjentifika mwettqa mill-Awtoritāt. B'hekk, xieraq li jiġu inklużi rappreżentanti tal-Istati Membri kollha *kif ukoll ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u tal-industrija* fil-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtoritāt, filwaqt li jiġi previst li dawk ir-rappreżentanti jenħtieġ li jkollhom esperjenza b'mod partikolari fl-istima tar-riskju.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Regolament (KE) Nru 178/2002

Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt b

Test propos mill-Kummissjoni

- (b) il-promozzjoni tal-konsistenza ***u tat-trasparenza*** fil-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-amministrazzjoni tar-riskju;

Emenda

- (b) il-promozzjoni tal-konsistenza, ***it-trasparenza u c-ċarezza*** fil-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-amministrazzjoni tar-riskju;

Emenda 4

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Regolament (KE) Nru 178/2002

Artikolu 25 – paragrafu 1a – punt a

Test propos mill-Kummissjoni

- a) żewġ membri u ***l-membri*** supplenti maħtura mill-Kummissjoni u li jirrappreżentaw lill-Kummissjoni, bid-dritt tal-vot.

Emenda

- a) żewġ membri u ***żewġ membri*** supplenti maħtura mill-Kummissjoni u li jirrappreżentaw lill-Kummissjoni, bid-dritt tal-vot.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Regolament (KE) Nru 178/2002

Artikolu 25 – paragrafu 1a – punt b

Test propos mill-Kummissjoni

- b) membru wieħed maħtur mill-Parlament Ewropew, bid-dritt tal-vot.

Emenda

- b) membru wieħed ***u membru addizzjonal***, maħtura mill-Parlament Ewropew, bid-dritt tal-vot.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b

Regolament (KE) Nru 178/2002

Artikolu 25 – paragrafu 1a – punt c

Test propos mill-Kummissjoni

(c) *erba'* membri bid-dritt tal-vot li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili u l-interessi tal-katina tal-ikel jiġifieri, wieħed minn organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, wieħed minn organizzazzjonijiet ambientali nongovernattivi, wieħed minn organizzazzjonijiet tal-bdiewa **u** wieħed minn **organizzazzjonijiet** industrijali. Dawk il-membri għandhom ikunu maħtura mill-Kunsill f'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew fuq il-bażi ta' lista mfassla mill-Kummissjoni li tinkludi aktar ismijiet minn kemm hemm karigi x'jimtlew. Il-lista miktuba mill-Kummissjoni għandha tintbagħat lill-Parlament Ewropew, flimkien mad-dokumenti ta' sfond rilevanti. Kemm jista' jkun malajr u fi żmien tliet xħur min-notifika, il-Parlament Ewropew jista' jissottometti l-fehmiet tiegħu għall-kunsiderazzjoni mill-Kunsill, li mbagħad għandu jaħtar lil dawk il-membri.

Emenda

(c) *sitt* membri bid-dritt tal-vot li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili u l-interessi tal-katina tal-ikel jiġifieri, wieħed minn organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, wieħed minn organizzazzjonijiet ambientali nongovernattivi, wieħed minn organizzazzjonijiet tal-bdiewa, **wieħed mis-settur tas-sajd u l-organizzazzjonijiet tal-akkwakultura**, wieħed **mill-industrija agrokimika u wieħed mill-industrija tal-ikel**. Dawk il-membri għandhom ikunu maħtura mill-Kunsill f'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew fuq il-bażi ta' lista mfassla mill-Kummissjoni li tinkludi aktar ismijiet minn kemm hemm karigi x'jimtlew. Il-lista miktuba mill-Kummissjoni għandha tintbagħat lill-Parlament Ewropew, flimkien mad-dokumenti ta' sfond rilevanti. Kemm jista' jkun malajr u fi żmien tliet xħur min-notifika, il-Parlament Ewropew jista' jissottometti l-fehmiet tiegħu għall-kunsiderazzjoni mill-Kunsill, li mbagħad għandu jaħtar lil dawk il-membri.

Ġustifikazzjoni

It-ħassib tal-manifatturi fil-qasam tal-OĠM u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti minn naħħa waħda, u l-manifatturi tal-ikel u l-addittivi min-naħħa l-oħra, huma differenti. Bl-istess mod l-akkwakultura u s-settur tas-sajd/akkwakultura. Il-Bord għandu jinkludi wkoll rappreżentant tas-settur tas-sajd u l-organizzazzjonijiet tal-akkwakultura. Il-Bord, għaldaqstant, għandu jinkludi wkoll żewġ rappreżentanti separati tal-industria.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 178/2002

Artikolu 32d – paragrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

L-eserti **tal-Kummissjoni** għandhom jagħmlu kontrolli, inklużi awditi, biex jiksbu assigurazzjoni li l-faċilitajiet tal-

Emenda

L-eserti **tal-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju (FVO) tal-Kummissjoni** għandhom jagħmlu kontrolli, inklużi

ittestjar jikkonformaw mal-istands rilevanti għat-twettiq tat-testijiet u tal-istudji sottomessi lill-Awtoritāt bħala parti minn applikazzjoni għal awtorizzazzjoni skont il-liġi tal-Unjoni dwar l-ikel. Dawn il-kontrolli għandhom jiġu organizzati b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

awditi, biex jiksbu assigurazzjoni li l-faċilitajiet tal-ittestjar *fl-Unjoni u l-pajjiżi terzijikkonformaw* mal-istands rilevanti għat-twettiq tat-testijiet u tal-istudji sottomessi lill-Awtoritāt bħala parti minn applikazzjoni għal awtorizzazzjoni skont il-liġi tal-Unjoni dwar l-ikel. Dawn il-kontrolli għandhom jiġu organizzati b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri *jew tal-pajjiżi terzi kkonċernati*.

Ġustifikazzjoni

L-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju jiżgura sistemi effettivi ta' kontroll u jivvaluta kif jiġu osservati l-istands tal-UE fi ħdan l-UE u fil-pajjiżi terzi li jesportaw lejn l-UE. Dan isir l-aktar billi l-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju jwettaq spezzjonijiet fl-Istati Membri u fil-pajjiżi terzi li jesportaw lejn l-UE.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Regolament (KE) Nru 178/2002

Artikolu 39e – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Minkejja l-paragrafu 1, id-divulgazzjoni tal-ismijiet u tal-indirizzi ta' persuni fiziċċi involuti fl-ittestjar ***fuq annimali vertebrati*** jew fil-kisba ta' informazzjoni tossikoloġika għandha titqies li tagħmel ħsara sinifikanti lill-privatezza u lill-integrità ta' dawk il-persuni fiziċċi u dawn ma għandhomx jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, sakemm ma jkunx hemm interess pubbliku prevalent.

Emenda

2. Minkejja l-paragrafu 1, id-divulgazzjoni tal-ismijiet u tal-indirizzi ta' persuni fiziċċi involuti fl-ittestjar jew fil-kisba ta' informazzjoni tossikoloġika għandha titqies li tagħmel ħsara sinifikanti lill-privatezza u lill-integrità ta' dawk il-persuni fiziċċi, u dawn ma għandhomx jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, sakemm ma jkunx hemm interess pubbliku prevalent.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari
Referenzi	COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD)
Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 28.5.2018
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 28.5.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Ricardo Serrão Santos 31.5.2018
Eżami fil-kumitat	20.6.2018 29.8.2018
Data tal-adozzjoni	9.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0: 21 1 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Affronte, Clara Eugenia Aguilera García, Renata Briano, Alain Cadec, David Coburn, Richard Corbett, Diane Dodds, Linnéa Engström, João Ferreira, Sylvie Goddyn, Mike Hookem, Ian Hudghton, Carlos Iturgaiz, Werner Kuhn, António Marinho e Pinto, Barbara Matera, Gabriel Mato, Norica Nicolai, Liadh Ní Riada, Ulrike Rodust, Annie Schreijer-Pierik, Remo Sernagiotto, Ricardo Serrão Santos, Isabelle Thomas, Ruža Tomašić, Peter van Dalen, Jarosław Wałęsa
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Izaskun Bilbao Barandica, José Blanco López, Nicola Caputo, Ole Christensen, Rosa D'Amato, Norbert Erdős, Giuseppe Ferrandino, John Flack, Elisabetta Gardini, Jens Gieseke, Anja Hazekamp, Maria Heubuch, Czesław Hoc, Yannick Jadot, France Jamet, Seán Kelly, Verónica Lope Fontagné, Linda McAvan, Francisco José Millán Mon, Ana Miranda, Nosheena Mobarik, Cláudia Monteiro de Aguiar, Rolandas Paksas, Daciana Octavia Sârbu, Maria Lidia Senra Rodríguez, Nils Torvalds
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Klaus Buchner

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

21	+
ALDE	António Marinho e Pinto, Norica Nicolai
ECR	Nosheena Mobarik, Remo Sernagiotto, Ruža Tomašić
EFDD	Rosa D'Amato
ENF	Sylvie Goddyn
PPE	Alain Cadec, Carlos Iturgaiz, Werner Kuhn, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Renata Briano, Ole Christensen, Giuseppe Ferrandino, Ulrike Rodust, Ricardo Serrão Santos
VERTS/ALE	Marco Affronte, Klaus Buchner, Linnéa Engström

1	-
GUE/NGL	Anja Hazekamp

0	0

It-tifsira tas-simboli:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni